**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 9 ta' Ottubru, 2024**

Numru 4

**Appell Nru. 2/2024**

**Michael Struck, Andre Trapani u Manfred Unger**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Fr. Richard Stanley Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Struck u ohrajn tal-5 ta' Jannar 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta' Dicembru 2023 li ma laqghetx talba tal-istess li l-permess PA7120/16 'for the construction of a Franciscan Retirement Home (class 2A) housing 20 bedrooms, living and dining quarters, meeting room, kitchenette, laundry, mortuary, & chapel. Works shall also include demolition and reconstructionn of previous extension (changing rooms at 1st floor) to existing neighbouring Franciscan Retirement Home' ghandu jigu revokat skont l-artikolu 80 tal-Kap. 552;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta tal-applikant li wkoll issottometta li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie ntavolat minn terzi fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ghal talba ta' revoka tal-permess PA 7120/16 li jirrigwarda proposta ghal kostruzzjoni ta' *Retirement Home* ghall-Frangiskani ta' Klassi 2A, liema xogholijiet jinkludu t-twaqqiegh u rikostruzzjoni mill-gdid ta' estensjoni precedenti fl-ewwel sular tar-*Retirement Home* ezistenti kontigwa. Illi s-sit de quo jospita l-Prozjuncola Retreat House tal-Frangiskani tul Triq Tul il-Kosta, Triq il-Porzjuncola, Triq il-Wirt Naturali u Triq San Gwann L- Evangelista, fil-lokalita' tan-Naxxar, limiti ta' Bahar ic-Caghaq.

Illi permezz tal-appell odjern l-appellanti ressqu zewg (2) aggravji kontra din id-decizjoni talAwtorita' hekk kif gej:
1.Illi skont ic-Cirkolari 4/16, jekk zvilupp ikollu faccata fuq iktar minn triq wahda ghandhomjigu elenkati l-ismijiet tat-toroq kollha fil-formola tal-applikazzjoni, b'dana li skont id-DC15 it-terminu '*frontage*' jirreferi ghal dik il-parti tas-sit li taghti access ghall-izvilupp. Ladarba ssit kellu access minn toroq differenti, kif indikat anki fir-rapport tal-*case officer*, allura s-*Site Notice* kellha titwahhal mat-toroq kollha. Minkejja dan, din twahhlet ma' pilastru tal-gebel fl-entratura ghall-propjeta', u lanqas fuq il-faccata tal-propjeta', tul Triq Tul il-Kosta, filwaqt li ma twahhlu ebda avvizi fi Triq il-Porzjuncola, Triq il-Wirt Naturali u Triq San Gwann lEvangelista. Illi l-girien ma rawha qatt l-istess *Site Notice* u din tnehhiet mill-post, filwaqt li l-vizibilita' ferm limitata taghha wasslet ghall-fatt li hadd mill-girien ma oggezzjona ghallproposta u ghalhekk dawn gew michuda mid-dritt li jaghmlu tali sottomissjonijiet rigward izzieda tal-uzi u l-intensifikazzjoni u l-impatt vizwali ta' l-izvilupp.
2.Illi l-Mappa NAM4 tal-Pjan Lokali tindika s-sit odjern bhala '*To Retain Existing Use*' u ghalhekk kellu jinzamm l-uzu ezistenti bhala *Retreat House*, u li minn dejjem kien abbinat ma' Dar Porzjuncola. Illi dan ifisser post ta' trankwillita' u riflessjoni fejn tali uzu ma jaqax fiddefinizzjoni ta' *retirement home* kif propost u definit fil-*Height Adjustment Policy for Retirement Homes* bhala post li jipprovdi kura fit-tul ghal persuni dipendenti fuq assistenza sabiex iwettqu attivitajiet ta' kuljum. Illi ghalhekk id-deskrizzjoni tal-proposta m'hijiex riflessa b'mod korrett tenut li taghti x'tifhem li l-uzu ezistenti kien gia wiehed ta' *retirement home*. Illi huwa essenzjali li wiehed jaghmel distinzjoni bejn dawn l-uzi tenut li, ghallkuntrarju ta' *retreat centre*, *retirement home* tipprevdi iktar traffiku tal-vizitaturi u forrnituri tas-servizzi tal-kura. Illi ghalhekk huwa car li fuq is-sit ser ikun hemm tibdil ta' uzu minn dak ezistenti, u dan ghandu effett materjali fuq id-decizjoni tal-Kummissjoni tenut li t-tibdil ta' uzu m'huwiex permissibbli bil-Pjan Lokali. Illi meta strahet fuq id-deskrizzjoni tal-proposta zbaljata kif provduta mill-applikant, il-Kummissjoni m'evalwatx sew l-uzu ezistenti rejali tassit bhala *retreat house* ta' Klassi 1 u mhux *retirement home* ta' Klassi 2A.

Illi permezz ta' decizjoni preliminari moghtija fl-1 ta' Novembru 2022, it-Tribunal kif diversament kompost cahad it-talba ghal sospensjoni tal-permess in mertu u ordna li l-Appell jitkompla fuq ilmertu.

Illi fir-risposta taghha, l-Awtorita' rriteniet l-oggezzjoni taghha ghat-talba tar-revoka talpermess u tibda billi tinnota li fl-evalwazzjoni ghall-invokazzjoni tal-Artikolu 80 m'ghandux jerga' jinfetah il-process shih tal-applikazzjoni, izda biss li jekk jigi rikonoxxut zball li kellu incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess, ikun hemm lok li tali permess jigi revokat jew mibdul. B'rabta ma' dan, l-Awtorita' taghmel referenza ghas-sentenza mill-Qorti tal-Appell flismijiet: **Travis Boyd vs l-Awtorita' tal-Ippjanar**, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2020. LAwtorita' tishaq li l-aggravji mressqa mill-appellanti huma, ghall-kuntrarju, attentat sabiex jerga' jsir l-istharrig tal-proposta. B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-Awtorita' tinnota kif id-dhul principali ghall-Porzjuncola Retreat House huwa minn Tria Tul il-Kosta fil-limiti ta' Bahar ic-Chaghaq, u kid evidenti mir-ritratti esposti fuq il-website tal-Awtorita' u annessi ma' l-istess risposta, is-*Site Notice* kienet twahhlet ma' pilastru fl-entratura ta' l-istess *Retreat House*. Oltre dan, l-Awtorita' ssostni li hi tuza mezzi ohra sabiex tinforma lillpubbliku li tkun irceviet applikazzjoni tal-izvilupp, kif stipulat f'Regolament 6(2) tal-L.S.552.13, fothom li tali applikazzjonijiet jigu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fuq il-website tal-Awtorita' stess, minbarra li tinnotifika lill-Kunsill Lokali fuq kull applikazzjoni. Rigward l-argument li s-*Site Notice* tnehhiet, l-Awtorita' tirrileva li hija r-responsabilita' talapplikant li jassigura li din tibqa' mwahhla tul il-perjodu li fih jistghu jigu sottomessi raprezentazzjonijiet. Oltre dan jinghad li l-applikazzjoni ghaddiet minn process ta' vetting fejn giet ivverifikata l-informazzjoni provduta kif riflessa wkoll fuq l-istess *Site Notice*. Filkonfront tat-tieni aggravju, l-Awtorita' terga' ssostni li l-Artikolu 80 tal-Kap. 552 ma jaghtix vires lill-Bord tal-Ippjanar sabiex jidhol fil-lanjazi ta' nterpretazzjoni ta' xi policy jew mappa tal-Pjan Lokali, jew id-definizzjoni ta' kelma relatata ma' uzu partikolari ta' zvilupp, liema interpretazzjoni diga saret fl-assessjar tal-applikazzjoni odjerna. Nonostante dan, l-Awtoirta' ticcara li l-uzu ezistenti kien ikopri permess ta' *retreat home* b'33 kamra, li huwa klassifikat bhala uzu ta' Klassi 2A skont il-L.S.552.15 u ghalhekk isegwi li l-Pjan Lokali qieghed jippermetti tali uzi li jaqghu taht din l-istess kategorija u li jirriflettu l-uzu ezistenti.

Illi fil-mori tal-appell, l-appellanti ressqu numru ta' affidavits mir-residenti tal-madwar li kienu tressqu ghal kunsiderazzjoni quddiem il-Bord tal-Ippjanar. Illi f'dawn l-affidavits irresidenti jistqarru li qatt ma raw *Site Notice* imwahhla mal-faccata ta' Dar Porzjuncola, anki jekk jghaddu minn quddiemha b'mod regolari, u qatt ma rcevew notifika mill-Awtorita' tallppjanar fir-rigward tal-applikazzjoni odjerna.

Illi fil-mori tal-appell, l-appellanti ssottomettew ritratti mill-ajru u minn Triq Porzjunkola u Triq il-Wirt Naturali sabiex juru l-accessi varji ghall-istess sit, kif ukoll kopja talprezentazzjoni mressqa quddiem il-Bord tal-Ippjanar ghat-talba tar-revoka tal-permess u li hija rapprezentazzjoni vizwali ta' l-istess argumenti kif mressqa fl-aggravji ta' dan l-appell.

Illi fil-mori tal-appell, l-applikant (illum il-*permit holder*) issottometta kopja legali tad-digriet ghall-Mandat t'Inibizzjoni Nru. 514/2022, fejn il-Qorti Civili (Prim'Awla) cahdet it-talba ghall-hrug ta' mandat t-inibizzjoni mressqa mill-appellanti fil-konfront ta' rapprezentanza intimata ghan-nom ta' Ordni Frangiskani Minuri. L-applikant isottometta wkoll affidavit guramentat tal-perit Colin Zammit fejn jiddikjara li l-frontage ghall-izvilupp approvat, u li jipprovdi access ghall-istess zvilupp, huwa minn Triq Tul il-Kosta. Oltre dan, l-applikant ipprezenta wkoll rapport tal-Perit Paul Camilleri li jikkoncerna verifika ta' l-izvilupp approvat fl-applikazzjoni sussegwenti, u suggetta ghall-Appell 266/22, f'relazzjoni malpjanijiet u policies applikabbli.

Illi fit-trattazzjoni tal-appell, mizmuma waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru 2023, l-appellanti jaghmlu referenza ghad-decizjoni ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq PA 6935/16 u PA 6072/22.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna, nkluz tal-provi u sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet kollha;

Ikkunsidra;
Illi dan l-appell gie ntavolat wara li l-appellanti ressqu talba quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-permess PA 7120/16 jigi revokat ai termini tal-Artikolu 80 ta' l-Att tal-2016 dwar lIppjanar tal-Izvilupp minhabba t-twahhil irregolari u t-tnehhija tas-*Site Notice*, kif ukoll abbazi ta' nformazzjoni u dikjarazzjoni skorretta li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit, b'effett materjali fuq id-decizjoni tal-Kummissjoni, liema talba giet michuda mill-Bord talIppjanar fil-15 ta' Settembru 2022.

Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal jippuntwalizza li m'huwiex fil-kompitu ta' dan it-Tribunal li jidhol fil-mertu tal-applikazzjoni jew interpretazzjoni ta' *policy* mill-gdid, izda ghandu jara jekk irragunijiet stabbiliti fit-talba mressqa mill-appellanti jaghtux lok ghall-invokazzjoni talArtikolu 80 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta u li jistipula s-segwenti:
*80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss*
*(a)fil-każijiet ta' frodi; jew*
(b)meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorrettajew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew
*(ċ)fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew*
*(d)fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,*
*b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;*
*… (2) Ghall-fini tas-subartikolu (1):*
"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess ghall-izvilupp, meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza;
"informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess ghall-izvilupp, fejn tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew zbaljata;
"zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument" tfisser zball maghmul mill-Bord talIppjanar huwa u jilhaq decizjoni u tali zball jidher mid-dokumenti tal-procedimenti tieghu:

Izda l-Bord tal-Ippjanar m'ghandux jirrevoka jew ibiddel permess ghall-izvilupp fuq il-bazi ta' frodi jew informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew zball f'dokument li jidher minn ezami talistess dokument, fejn tali cirkostanza ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess ghall-izvilupp b'tali mod illi kieku l-informazzjoni korretta kienet disponibbli fil-mument taddecizjoni, ir-rizultat ma kienx ikun differenti.

Illi t-talba mressqa mill-appellanti ghar-revoka tal-permess [Dok. 138A fl-inkartament tal-PA7120/16] hija marbuta principarjament maz-zewg aggravji mressqa mill-appellanti fl-appell odjern u li ser jigu trattati fid-dettall hekk kif gej:

L-Ewwel Aggravju:
Illi permezz ta' l-ewwel aggravju, l-appellanti jargumentaw li l-Bord tal-Ippjanar kien zbaljat meta ddecieda li t-twahhil tas-*Site Notice* fuq triq wahda biss sar skont ir-Regolamenti. Jinghad li c-Cirkolari 4/16 titlob li jekk zvilupp ikollu faccata fuq iktar minn triq wahda ghandhom jigu elenkati l-ismijiet tat-toroq kollha fil-formola tal-applikazzjoni, u ghalhekk is*Site Notice* kellha tigi mwahhla ma' kull faccata li tipprovdi access ghall-istess propjeta'. Lappellanti jkomplu jargumentaw li s-*Site Notice* tnehhiet mill-post u li l-girien ma rawha qatt, filwaqt li l-vizibilita' ferm limitata ta' fejn twahhlet, ma' pilastru tal-gebel fil-passagg, wasslet ghall-fatt li hadd mill-girien ma oggezzjona ghall-proposta u ghalhekk dawn gew michuda

mid-dritt li jaghmlu tali sottomissjonijiet rigward iz-zieda tal-uzi u lintensifikazzjoni u l-impatt vizwali ta' l-izvilupp.
Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tar-risposta tac-*Chairperson* Ezekuttiv [Dok. 151A fl-inkartament tal-PA7120/16] ghat-talba tarrevoka tal-permess fejn jinghad li l-analizi tad-dokumenti li jidhru fis-sit ufficjali tal-Awtorita' tizvela li, fil-kaz tal-applikazzjoni odjerna, is-*Site Notice* twahhlet mal-pilastru tax-xatba principali, ftit metri lura minn Triq il-Kosta. Jinghad ukoll li l-Awtorita' ma tistax tikkonferma jew tichad jekk din l-istess *Site Notice* baqghetx imwahhla ghall-perjodu kollu li fih setghu jigu ntavolati rapprezentazzjonijiet minn terzi ghaliex din hija r-responsabilita' tal-applikant, u ghalhekk in linea ma' dak li jipprovdi r-Regolament 6(2) tal-L.S.552.13, il-process ma kienx wiehed difettuz. L-Awtorita' ssostni li din il-materja ma kellhiex effett materjali fuq iddecizjoni u ghalhekk m'hemmx bazi ghar-revoka tal-permess in linea ma' l-Artikolu 80 talKap. 552.
Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal jinnota li fil-formola tal-applikazzjoni [Dok. 1C fl-inkartament tal-PA7120/16] l-applikant indika linformazzjoni kollha necessarja skont ir-rekwiziti ghal '*location of the proposed development*' kif indikat f'sezzjoni 3F(i) tac-Cirkolari 4/16 kwotata mill-appellanti, fejn gie indikat kemm l-isem tal-propjeta' bhala '*Porziuncola Retreat House*' kif ukoll l-ismijiet tattoroq li jdawwru l-istess propjeta', *ossia* Triq Tul il-Kosta, Triq il-Porziuncola, Triq il-Wirt Naturali and, Triq San Gwann L- Evangelista. Illi l-istess sezzjoni tac-Cirkolari tindika li '*In cases of development with a frontage on more than one street, all the street names should be listed in the appropriate section of the application form*' u ghalhekk jirrizulta li lapplikant sahansitra provda iktar informazzjoni minn dak li titlob l-istess Cirkolari tenut li f'dan il-kaz l-access principali huwa dak minn Triq Tul il-Kosta filwaqt li t-toroq l-ohra huma sekondarji ghas-sit odjern u mhux affettwati direttament mill-konfini tas-sit kif indikati fuq is-*site plan* approvata *a fol* 1A. Din turi li s-sit huwa konfinanti mat-triq biss in-naha ta' TriqTul il-Kosta.

Illi hekk kif innutat kemm mic-*Chairperson* Ezekuttiv [Dok. 151A fl-inkartament tal-PA7120/16] fl-evalwazzjoni tieghu ghat-talba tarrevoka, kif ukoll mill-istess Awtorita' fir-risposta taghha ghal dan l-appell, fil-kaz tat-twahhil ta' *Site Notice* jezistu provvedimenti cari fil-Legislazzjoni Sussidjarja 552.13 fejn Regolament 6 jipprovdi s-segwenti:
*6 (1) Iċ-Chairperson Eżekuttiv, kif jirċievi kwalunkwe applikazzjoni sottomessa taħt dawn irregolamenti, u wara l-assenjazzjoni tan-numru xieraq tal-applikazzjoni tal-ippjanar, għandu jippubblika l-proposta kontenuta fl-applikazzjoni flimkien mal-isem tal-applikant fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u jara li tiġi riklamata permezz ta' avviż li jitwaħħal fis-sit.*
*(2) Iċ-Chairperson Eżekuttiv għandu jkun responsabbli sabiex:*
*(a)iwaħħal l-avviżi fis-sit u l-applikant għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li l-avviżjibqa' mwaħħal fis-sit għall-perjodu stipulat fl-imsemmi avviż. Multa amministrattiva tista' tiġi imposta fuq l-applikant f'każ li jkun naqas milli jżomm l-avviż mwaħħal fis-sit għallperjodu stipulat fl-imsemmi avviż;*
*(b)jagħmel disponibbli b'mod elettroniku lill-kunsilli lokali l-lista ta' applikazzjonijiet għalliżvilupp relatati mal-lokalità tagħhom u l-kunsill lokali għandu jirreklama u jżomm aġġornata dik il-lista kif jidhirlu xieraq;*

Illi minn dawn il-provvedimenti johrog bic-car li s-*Site Notice* hija avviz jew reklamar addizzjonali mal-obbligu propju ta' l-Awtorita' li tippubblika l-kontenut tal-proposta fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, tant li s-subregolament 6(2) jitfa' rresponsabilita' fuq l-applikant sabiex jizgura li dan l-istess avviz jibqa' mwahhal fil-perjodu stipulat bil-ligi sabiex jigu sottomessi r-rapprezentazzjonijiet ta' terzi, fejn f'dan il-kaz izzmien stipulat kien sat-30 ta' Jannar 2017. [Dok. 45 fl-inkartament tal-PA7120/16] Iktar minn hekk, il-ligi ma tahsibx li fin-nuqqas li tali avviz jinzamm inwahhal f'dan il-perjodu, il-process tal-applikazzjoni ghandu jigi skattat mill-gdid, izda sempliciment timponi multa amministrattiva fuq l-applikant f'kaz li jirrizulta dan. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal hu tal-fehma li l-argument ta'

l-appellanti li tali *Site Notice* tnehhiet mis-sit m'ghandux daqstant relevanza, iktar u iktar meta l-istess appellanti ma provdew ebda prova konkreta li dan l-Avviz filfatt tnehha.
Ghall-kuntrarju, it-Tribunal jara li l-allegazzjoni ghat-tnehhija tas-*Site Notice* hija kontradittorja ghal argument iehor ta' l-appellanti fl-istess aggravju fejn jinghad li dan lgirien ma rawh qatt dan l-Avviz, hekk kif gie ddikjarat ukoll fin-numru ta' affidavits mirresidenti tal-madwar li gew inkluzi fl-atti tal-Appell. Ghalkemm fl-istess affidavits jinghad li r-residenti qatt ma rcevew notifika personali mill-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward talapplikazzjoni odjerna, it-Tribunal jissottolinja li l-ligi surreferita ma tobbligax lill-Awtorita' li taghmel dan. Barra minn hekk, u b'referenza ghar-ritratti ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' jidher bic-car li s-*Site Notice* twahhlet mal-pilastru tal-gebel tal-kancell principali li jwassal ghall-propjeta' minn Triq il-Kosta. Illi minn dak li seta' jikkonstata tTribunal, l-Awtorita' kienet korretta fir-rigward tat-twahhil tal-avviz tal-applikazzjoni talizvilupp u dan minhabba li Regolament 6(2) ma torbotx lill-Awtorita' sabiex dawn jitwahhlu fuq kull faccata tas-sit, izda thalli din id-decizjoni fid-diskrezzjoni tal-Awtorita'. Ghalhekk, ma jistax jinghad li kien hemm xi prassi jew informazzjoni frawdulenti, qarrieqa jew zbaljata fl-applikazzjoni li jista' jwassal ghal revoka tal-permess f'dan ir-rigward.
Oltre dan, it-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-appellanti li l-vizibilita' ta' l-istess *Site Notice* kienet wahda limitata. Ghalkemm il-*kancell* principali fejn twahhal l-Avviz jinsab ftit metri 'l gewwa mit-triq, iz-zona ta' quddiem l-istess access hija wahda accessibbli ghall-pubbliku u esposta sew mit-triq, u ghalhekk ma jistax jinghad li dan seta' jillimita l-vizibilita' ta' l-istess *Site Notice*. Illi t-Tribunal lanqas ma jaqbel ma' l-argument li s-*Site Notice* kellha titwahhal mat-toroq kollha tal-madwar u dan tenut li kif spjegat aktar kmieni, il-konfini tas-sit kif indikati fuq is-*site plan* approvata jmissu biss ma' Triq Tul il-Kosta, fejn filfatt twahhlet is*Site Notice*.
Oltre dan, ir-ritratti fejn jidher li twahhlet is-*Site Notice*, [Dok. 174 fl-inkartament tal-PA7120/16] u prezentati mill-Awtorita' fil-mori tal-appell, juru bic-car li s-*Site Notice* propju twahhlet fl-entratura principali ghall-propjeta' n mertu u dan tenut il-karatteristici fizici distintivi taghha konsistenti minn statwa li taghti identita' lill-post, xatba principali kif ukoll karatteristika ta' *avenue* u passagg definit li jwassal ghall-entratura principali tal-bini fl-istess livell. [Skont il-pjanta approvata a fol 77E fl-inkartament tal-PA7120/16] Illi ghall-kuntrarju, kemm ir-ritratti tal-ajru kif ukoll dawk ezebiti mill-appellanti fil-mori tal-appell [Dok. 177K fl-inkartament tal-PA7120/16] juru bic-car li l-accessi l-ohra, jekk jezistu, huma informali jew sekondarji, fejn l-access minn Triq il-Wirt Naturali, dejjem jekk jezisti, m'huwiex wiehed formali, u dan ghaliex l-art hija imharbta u mhux konsistenti minn passagg definit. Min-naha l-ohra, skont ir-ritratti prezentati mill-appellanti, Triq ilPorziunkola toffri access mill-genb tal-propjeta', izda, skont dawn l-istess ritratti u s-*site plan a fol* 1A, dan m'huwiex bilfors esklussiv ghas-sit odjern minhabba li tezisti binja ohra li thares ghal fuq dan il-passagg. Inoltre, it-Tribunal josserva li dan l-access jinsab f'livell ferm oghla minn dak tal-binja nnifisha, b'differenza ta' madwar 9.5 metri bejn il-livell ta' Triq ilPorziunkola u l-livell tal-entratura principali tal-bini, [Skont il-pjanta sezzjonali A-A a fol 77C fl-inkartament tal-PA7120/16] u dan ghall-kuntrarju ta' Triq TulilKosta li taghti access dirett ghal din l-entratura mill-istess livell tat-triq. Illi Triq San Gwann L-Evangelista tmiss mal-konfini tal-gonna ta' wara tas-sit u li ma jiffurmawx parti millapplikazzjoni odjerna, u ghalhekk lanqas m'ghandha tkun ta' relevanza f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, it-Tribunal josserva li Triq Tul il-Kosta hija wahda arterjali u ghalhekk ma toffrix access mohbi li seta' jillimita' l-vizibilita' tas-*Site Notice*, filwaqt li wiehed irid jghaddi mill-istess triq biex jidhol ghat-toroq l-ohra. Ghalhekk it-Tribunal ma jara xejn irregolari fittwahhil tas-*Site Notice* mal-faccata principali li twassal ghall-propjeta' nnifisha.
B'referenza ghall-PA 6935/16 kwotat mill-appellanti fit-trattazzjoni tal-Appell, [Skont il-verbal tat-3 t'Ottubru 2023] dan itTribunal jinnota li dan il-kaz kien gie revokat u mibghut lura ghall-pubblikazzjoni mill-gdid mill-Bord tal-Ippjanar in parti ghall-fatt li l-evidenza kienet turi li s-*Site Notice* kienet twahhlet fuq faccata wahda biss tas-sit f'kantuniera. [Skont l-estratt mill-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar tal-31 ta' Ottubru 2023 a fol 148A fl-inkartament tal-PA6935/16] Madanakollu, huwa evidenti li s-sit mertu ta' din l-applikazzjoni kwotata kien jinkludi bini bi tlett faccati distinti u kontigwi direttament ma' triq pubblika, [Dok. 1N fl-inkartament tal-PA6935/16] u fejn il-konfini tas-*site plan* kienu jinkludu t-tlett faccati kollha. [Site plan a fol 1A

fl-inkartament tal-PA6935/16] Illi ghalhekk, u minghajr ma jidhol fil-mertu ta' dan il-kaz kwotat, it-Tribunal ma jistax iqis dan is-sit bhala wiehed simili ghal dak odjern, fejn dan ta' l-ahhar jipprezenta cirkustanzi ferm differenti fin-natura fizika tieghu.
It-Tribunal jaghmel referenza ghal applikazzjoni ohra, *ossia* l-PA 6072/22, kwotata wkoll mill-appellanti fit-trattazzjoni tal-appell. Illi f'dan il-kaz il-permess relattiv kien gie revokat mill-Bord tal-Ippjanar u mibghut lura ghall-pubblikazzjoni mill-gdid [Skont l-estratt mill-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar tas-7 ta' Lulju 2023 a fol 79A fl-inkartament tal-PA6072/22] tenut zball li kien sar flindirizz tal-propjeta' u ghalhekk l-informazzjoni ma kienetx korretta ghall-ahhar sabiex is*Site Notice* setghet titwahhal fil-post xieraq. Illi dawn ic-cirkustanzi ma jirrizultawx millapplikazzjoni odjerna stante li, kif stabbilit supra, l-applikant pjuttost provda iktar informazzjoni rigward l-indirizz tal-propjeta' minn dak li titlob ic-Cirkolari 4/16 tenut li f'dan il-kaz l-access principali huwa dak minn Triq Tul il-Kosta filwaqt li t-toroq l-ohra huma sekondarji ghas-sit odjern u mhux affettwati direttament mill-konfini tas-sit kif indikati fuq is-*site plan* approvata *a fol* 1A. Ghalhekk, it-Tribunal lanqas ma jista' jqis dan il-kaz bhala wiehed komparabbli ghal dak odjern.
Hawnhekk, it-Tribunal jiehu spunt mir-risposta ta' l-Awtorita' ghal dan l-appell u jaghmel referenza ghas-sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Travis Boyd vs l-Awtorita' tallppjanar**, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2020. Illi f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal kif diversament kompost li cahad appell minn terzi intavolat fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar rigward talba ta' revoka tal-permess PA259/13. F'dan l-appell, u fost argumenti ohra, l-appellanti terzi ressqu kontenzjoni rigward in-nuqqas ta' twahhil tas-*Site Notice* mal-faccata tal-bini fuq Sqaq Nru. 4 f'HalGhaxaq, anki jekk il-proposta kienet tikkoncerna estensjoni ta' kazin sabiex jinkorpora propjeta' b'access minn dan l-isqaq. Illi t-Tribunal kif diversament kompost kien qies li "*ilfatt li ma twahhalx avviz tal-applikazzjoni fuq il-faccata tas-sit fuq Sqaq Nru. 4 ma jistax jinghad li kien hemm xi prassi jew informazzjoni frawdulenti, qarrieqa jew zbaljata flapplikazzjoni, u ghalhekk dan ma jistax jwassal ghal revoka tal-permess… Iz-zewg avvizi li twahhlu fuq is-sit tqieghdu wahda fuq il-faccata principali tal-kazin ezistenti u l-ohra fuq ilfaccata tal-genb tal-kazin li tinsab fuq Triq G. Naudi. Ritratti ta' dawn l-avvizi kif twahhlu fuq il-post gew ipprezentati lit-Tribunal waqt ix-xhieda moghtija fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019. Wiehed ma jistax jikkunsidra li l-faccata tal-kazin m'hijiex wahda prominenti fillokalita', filwaqt li l-faccata principali tinsab f'distanza ta' biss kwazi 25 metru minllintrata ta' Sqaq Nru. 4. Ghalhekk, it-Tribunal isib ferm difficli jifhem l-argument imressaq millappellant, fejn jghid li r-residenti kienu imxekkla mill-process ghaliex l-avviz tas-sit ma twahhalx dirrettament fuq il-faccata gewwa Sqaq Nru. 4, meta l-avviz tas-sit kien gja esebit f'tant distanza minima minn l-istess sqaq.*"

Illi dan il-principju kompla jigi accennat mill-Qorti tal-Appell f'din fis-sentenza surreferita bis-segwenti nsenjament:
L-appellanti jsostnu li l-permess ghandu jigi revokat ghax skont l-artikolu 80(1)(b) saret sottomissjoni ta' informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit. Skont l-artikolu 80(2) tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta trid tkun wahda li a bazi taghha saret l-approvazzjoni tal-permess ta' zvilupp. Pero jinghad ukoll fl-istess subinciz illi ma ghandu jkun hemm ebda revoka jekk dan in-nuqqas ma kellu ebda incidenza fuq il-hrug tal-permess, b'mod illi blinformazzjoni korretta fil-mument tad-decizjoni, ir-rizultat ma kienx ikun differenti.
Il-process kontemplat fl-artikolu 80(1)(b) mhux intiz ghal ftuh mill-gdid tal-process ta' stharrig ta' proposta ta' zvilupp izda l-istharrig ghandu jkun limitat ghal konsiderazzjoni jekk saritx informazzjoni, dikjarazzjoni jew sottomissjoni ta' pjanta inkorretta cioe erronja jew zbaljata u jekk tali zball incidiex fuq il-hrug tal-permess.
L-appellanti jishqu illi l-policies applikabbli ghal dik il-parti tas-sit b'access mill-isqaq numru 4 kienu differenti minn dawk relattivi ghal dik il-parti fejn l-applikant kellu l-access principali. Dan jista' jkun minnu pero li jrid jigi deciz mhux jekk l-Awtorita (billi r-revoka qed isir tal-

permess mahrug millAwtorita) haditx zball fl-applikazzjoni tal-policies relevanti izda jekk dan sarx minhabba sottomissjoni ta' informazzjoni, dikjarazzjoni jew ta' pjanta zbaljata.
[…]
Il-Qorti tista' taqbel jew ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita dwar il-hrug tal-permess pero hi marbuta strettament ma sejbien o meno ta' nuqqas a bazi talartikolu 80(1)(b) tal-Kap. 552 kif mitlub. Dan in-nuqqas ma jirrizultax mill-atti tal-appell quddiemha u anqas it-Tribunal ma irriskontra xi nuqqas f'xi informazzjoni jew pjanta li kienu cari fl-estent tal-izvilupp cioe estensjoni ta' kazin talbanda gia ezistenti u l-commitment tas-sit ghal tali skop. Il-Qorti ma irravizat ebda sottomissjoni ta' informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta zbaljata u l-appellant fil-fatt ma irrefera ghal ebda informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta sottomessa mill-applikant li tipprova wiehed minn dawn lelementi.

Illi b'referenza ghal dak innutat mit-Tribunal kif diversament kompost fid-decizjoni tieghu surreferita, rigward il-PA259/13, dan it-Tribunal josserva similaritajiet ghac-cirkustanzi tassit odjern fejn f'dan il-kaz, bhal fil-kaz tal-kazin ta' Hal-Ghaxaq, is-sit huwa wkoll wiehed prominenti u li jinkludi faccata principali distinta minn kwalunkwe access iehor li jista' possibilment iservi s-sit. Oltre dan l-istess entratura principali tinsab f'distanza ben esposta anki meta wiehed jigi biex jaccessa t-toroq l-ohra li jdawwru s-sit. Ghalhekk, bl-istess mod dan it-Tribunal isibha ferm difficli jifhem l-argument mressaq mill-appellanti fejn jinghad li rresidenti kienu mcahda mid-dritt ghall-oggezzjoni taghhom.
Illi hekk kif gie ssenjalat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza surreferita, il-process kontemplat fl-Artikolu 80 mhux intiz ghal ftuh mill-gdid tal-process ta' stharrig ta' proposta ta' zvilupp izda l-istharrig ghandu jkun limitat ghal konsiderazzjoni jekk saritx informazzjoni, dikjarazzjoni jew sottomissjoni ta' pjanta skorretta cioe erronja jew zbaljata u jekk tali zball incidiex fuq il-hrug tal-permess. F'dan il-kaz m'hu qed jitqies l-ebda involviment ta' frodi, zball ta' informazzjoni jew dokument jew koncern ta' sigurta' pubblika fir-rigward talprocess marbut mal-hrug u t-twahhil tas-*Site Notice* fl-applikazzjoni odjerna u l-appellanti ma ressqu ebda evidenza li tipprova wiehed minn dawn l-elementi. Ghalhekk ma hemmx lok li wiehed jikkunsidra dak li jghid l-artikolu 80(2) surreferit ladarba ma gietx superata l-prova tal-fatt li jista' jwassal ghar-revoka tal-permess.
Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju:
Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jargumentaw li d-deskrizzjoni tal-proposta m'hijiex riflessa b'mod korrett tenut li taghti x'tifhem li l-uzu ezistenti fuq is-sit kien gia wiehed ta' *retirement home*, mentri l-uzu ezistenti huwa ta' *retreat centre*. Jinghad li dan imur kontra l-Mappa NAM4 tal-Pjan Lokali li tindika s-sit odjern bhala '*To Retain Existing Use*', u fejn allura kellu jinzamm l-uzu ezistenti ta' *retreat centre* bhala post ta' trankwillita' u riflessjoni, u mhux *retirement home* li taghti lok ghal iktar traffiku tal-vizitaturi u forrnituri tas-servizzi tal-kura. Fid-dawl ta' dan, l-appellanti jsostnu li l-Kummissjoni strahet fuq iddeskrizzjoni tal-proposta zbaljata u ghalhekk ma setghetx tevalwa sew l-uzu rejali tas-sit, u li effettivament huwa ta' Klassi 1 u mhux Klassi 2A.
Illi hekk kif spjegat fl-aggravju precedenti, m'huwiex lok li t-Tribunal jidhol fil-mertu ta' kif setghet giet interpretata l-Mappa tal-Pjan Lokali ghas-sit odjern, izda ser jitratta l-aspett relatat direttament mal-Artikolu 80 ta' l-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, u cioe' jekk dak li qed jallegaw l-appellanti fir-rigward ta' '*error on the face of the record*' huwiex minnu.
Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal jinnota li l-applikant identifika b'mod car il-propjeta' in mertu bhala '*Porzjuncola Retreat House*' sa mill-bidu tal-process tal-applikazzjoni [Skont is-sezzjoni 'Location of Proposed Development' fil-formola tal-applikazzjoni a fol 1C fl-inkartament tal-PA7120/16] u ghalhekk minn din id-dikjarazzjoni biss johrog bic-car li l-applikant bl-ebda mod ma prova jizgwida lillAwtorita' fir-rigward ta' l-uzu ezistenti tas-sit. Barra minn hekk, it-Tribunal jinnota li Dar Prozjunkola tikkonsisti minn binja antika ta' qabel l-1968 [Skont survey sheets tal-1968 estratti mill-Map Server tal-Awtorita] u li matul is-snin evolviet f'landmark li tgawdi minn rikonoxximent u sinjifikat mifrux fost il-komunita', u ghalhekk huwa difficli biex

dan it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni strahet fuq deskrizzjoni tal-proposta zbaljata sabiex setghet tirrikonoxxi l-uzu propju li jhaddan is-sit odjern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tal-Ippjanar hija komposta minn nies kompetenti li huma konxji mill-kontenut u l-importanza tal-*policies* li jkunu qeghdin japplikaw u fejn ikollhom diffikulta ghandhom dritt jistaqsu ghal kjarifiki skond l-Artikolu 31 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.

Illi t-Tribunal seta' jikkonstata li d-deskrizzjoni tal-proposta taqra s-segwenti:
*Construction of a Franciscan Retirement home (Class 2A) housing 20 bedrooms, living and dining quarters, living and dining quarters, meeting room, kitchenette, laundry, mortuary, & chapel. Works shall also include the demolition and reconstruction of previous extension (changing rooms at 1st floor) to existing neighbouring Franciscan Retirement Home.*

Illi ghalhekk jidher li dak li qed jikkontendu dwaru l-appellanti huwa l-ahhar parti talproposta fejn issir referenza ghal *'Franciscan Retirement Home'.* Pero', hawnhekk itTribunal jippuntwalizza li l-appellanti m'ghandhomx jaqghu fis-semantika u jqisu biss ilkelma '*Retirement Home*' fl-aspett izolat taghha u dan tenut li mill-qari ta' l-ahhar parti taddeskrizzjoni johrog bic-car li dak li qed jirreferi ghalih l-applikant f'dan il-punt taddeskrizzjoni m'hijiex il-binja principali nnifisha izda *annex* ma' l-istess binja fejn jinghad li xxogholijiet ser **jinkludu** twaqqiegh u rikostruzzjoni ta' estensjoni precedenti "*to* ***existing neighbouring*** *Franciscan Retirement Home"* [enfasi mizjuda mit-Tribunal], fejn huwa propost li jinbnew *changing rooms* fl-ewwel sular. Illi dan johrog bic-car anki fil-pjanta approvata ta' l-ewwel sular *a fol* 77D fejn jidher li din il-parti tal-proposta qed tirreferi biss ghal estensjoni zghira li kienet saret fuq wara u li tkopri biss erja ta' 100 metru kwadru meta kkumparat mal-bqija tal-binja li tkopri *floorspace* ta' madwar 1615 metru kwadru.

Barra minn hekk, tajjeb wiehed jinnota li l-proposta originali kif sottomessa mill-applikant fil-formola tal-applikazzjoni [Skont is-sezzjoni 'Description of Proposal' fil-formola tal-applikazzjoni a fol 1C fl-inkartament tal-PA7120/16] kienet propju taqra s-segwenti:
*Construction of a Franciscan Retirement home including chapel, demolition and reconstruction of previous extension to neighbouring villa, and request to reactivate application PA-5581/10 to increase current parking within the* ***Porzjuncola Retreat house premises.*** [Enfasi mizjuda mit-Tribunal]
Illi mill-inkartament tal-applikazzjoni jirrizulta li din id-deskrizzjoni originali kienet inbidlet ghal dik attwali fuq talba ta' l-Awtorita' stess fl-istadju inizjali tal-*vetting*, fejn, permezz ta' ittra datata 27 ta' Settembru 2016, l-Awtorita' talbet li d-deskrizzjoni tinkludi iktar informazzjoni dettaljata rigward il-klassi ta' uzu u n-numru u n-natura tal-kmamar proposti. [Dok. 8 fl-inkartament tal-PA7120/16] Illi ghalhekk altru li l-istess applikant ma kellu ebda intenzjoni li b'xi mod jizgwida lillAwtorita' fid-dikjarazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proposta tieghu, tenut li d-dikjarazzjoni originali propju kienet taghmel referenza ghal "*Retreat house premises".*
Illi ghalhekk, u kif stabbilit fl-ewwel aggravju precedenti, f'dan il-kaz lanqas ma jista jitqies xi nvolviment ta' "*frodi*", *"informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta"* jew *"zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument"* kif irid l-Artikolu 80 tal-Kap. 552, u li b'xi mod seta' jincidi fuq il-hrug tal-permess. Hawnhekk it-Tribunal jerga' jikkwota ssentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Travis Boyd vs l-Awtorita' tal-Ippjanar**, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2020, liema sentenza Tapplika precizament ghall-kaz odjern, fejn jinghad li "*Kwindi ma hemmx lok li wiehed jikkunsidra dak li jghid l-artikolu 80(2) ladarba ma gietx superata l-prova tal-fatt li jista' jwassal ghar-revoka tal-permess anki jekk ghal grazzja tal-argument l-Awtorita tal-Ippjanar ibbazat id-decizjoni ghal hrug tal-permess fuq binarju zbaljat ta' policies jew l-interpretazzjoni taghhom anki jekk indotta minn xi apprezzament zbaljat tal-case officer fuq il-policy rilevanti. Ir-rimedju ma hux f'dan il-kaz irrevoka izda dak tal-appell li t-terzi ma utilizzawx, kienet x'kienet ir-raguni, li lanqas ma hi mertu ta' xi aggravju f'dan l-appell*."
Illi ghalhekk il-process kontemplat fl-Artikolu 80 m'huwiex intiz ghal ftuh mill-gdid talprocess ta' stharrig ta' proposta ta' zvilupp mill-gdid izda dan seta' jsir biss abbazi ta' proceduri ohra li tippermetti l-ligi tal-ippjanar. Ghalhekk, lanaqas hu lok li t-Tribunal jindaga jew jidhol fi

kwistjonijiet ohra mressqa mill-appellanti rigward il-*policies* tal-Pjan Lokali u lklassi ta' uzu applikabbli ghas-sit f'dan il-kaz, jew jekk l-uzu propost fuq is-sit huwiex wiehed accettabbli jew le fil-principju.
Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad it-tieni aggravju.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell, u jikkonferma l-permess kif mahrug fil-PA 7120/16.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-applikant ma indikax t-toroq kollha li minnhom is-sit ghandu frontage jew access kontra dak li jrid ic-cirkolari 4/16 li jghid li jekk zvilupp ghandu faccata fuq aktar minn triq wahda ghandhom jigu elenkati t-toroq kollha fl-applikazzjoni. In-nuqqas wassal sabiex is-site notice twahhlet fuq faccata wahda b'vizibilita pubblika limitata li waslet li hadd mill-girien ma ra l-avviz biex ikun jista' joggezzjona u gew imcahhda mid-dritt ta' oggezzjoni;

2. Dan ikompli mal-ewwel aggravju fis-sens li l-appellanti jilmentaw li l-applikanti taw informazzjoni svijanti peress illi gie sottomess fl-applikazzjoni li l-uzu ezistenti kien ta' 'retirement home' mentri kien 'retreat house' b'inqas minn sitt abitanti jirrisjedu. Din l-informazzjoni kellha incidenza materjali fuq id-decizjoni ghax il-pjan lokali jesigi li jinzamm uzu ezistenti (pjan lokali Mappa NAM4 li jghid 'retain existing use'). Id-differenza bejn retreat house u retirement home hi li t-tieni tipprevedi iktar traffiku. B'zieda skont l-L.S. 556.15 fejn hemm mhux aktar minn sitt persuni jghixu flimkien inkluza dar fejn tinghata attenzjoni lir-residenti taqa' fil-kategorija klassi 1 mentri dar ta' kura tal-anzjani taqa' fi klassi 2A. Irrizulta bhala prova li Dar l-Irtir Ponziuncola qatt ma kienet dar tal-irtir jew dar residenzjali ghal xi patrijiet Frangiskani. It-Tribunal lanqas ikkunsidra l-provi imressqa. Apparti hekk ghamel referenza ghal provi li qatt ma tressqu.

## L-ewwel aggravju

L-appellanti ma ghandhomx ragun f'dan l-aggravju. L-invokazzjoni tal-artikolu 80 tal-Kap. 552 tesigi li tkun inghatat informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit u f'kull kaz anki jekk jinsab tali nuqqas ebda revoka ma tigi milqugha jekk in-nuqqas ma kellu ebda incidenza fuq il-hrug tal-permess.

Il-kwistjoni kollha hi jekk fil-fatt kienx hemm informazzjoni inkorretta bit-twahhil tal-applikazzjoni fuq il-faccata li taghti ghal Triq Tul il-Kosta. Dan ma jirrizultax li hu l-kaz. Jidher mill-atti illi dan it-twahhil sar fuq il-post indikat fl-applikazzjoni. Bhala fatt jidher li kien hemm accessi ohra ghas-sit izda gie stabbilit mit-Tribunal bhala fatt illi l-accessi l-ohra minn Triq il-Porziuncola, Triq il-Wirt Naturali u Triq San Gwann Evangelista huma semmai accessi sekondarji jew informali billi l-access minn Triq il-Wirt Naturali hu passagg imharbat, Triq Porziuncola taghti access ghal genb tal-proprjeta li f'dan l-access hemm binja privata ohra, u b'dizlivell ta' erba' sulari mal-entratura principali tal-binja fi Triq Tul il-Kosta. Triq San Gwann Evangelista tmiss mal-konfini tal-gonna ta' wara tas-sit u lanqas jifforma parti mill-applikazzjoni. It-Tribunal ghalhekk qies bhala fatt illi l-access indikat fl-applikazzjoni hu dak principali u illi ma sar ebda ksur tac-cirkolari 4/16. Apparti li din hi kwistjoni ta' fatt il-Qorti taqbel li t-Tribunal interpreta sew it-tifsira tal-kelma 'frontage' ghal fini tac-cirkolari 4/16 telimina l-ilment ta' nuqqas ta' pubblicita tal-applikazzjoni li wkoll giet pubblikata fil-Gazzetti tal-Gvern u gie notifikat il-Kunsill Lokali, u ghalhekk iggib fix-xejn l-ilment dwar nuqqas ta' possibilita ta' oggezzjoni tal-appellanti fi stadju bikri. Ghalhekk ma giex pruvat dan l-ilment a bazi tal-artikolu 80 tal-Kap. 552 ghaliex ma saret ebda informazzjoni skorretta li b'xi mod kellha xi influenza fuq is-sustanza tal-applikazzjoni.

**It-tieni aggravju**

Dak li ghandha tqis il-Qorti hu jekk id-deskrizzjoni tal-proposta fl-applikazzjoni zvijatx lill-Kummissjoni billi ma setghetx tevalwa l-uzu reali tas-sit li mhux ta' klassi 2A izda klassi 1. Din hi aktar kwistjoni ta' fatt li messu u seta' tressaq quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar la darba jirrizulta illi l-pubblikazzjoni tal-avviz tal-applikazzjoni kien wiehed regolari u fil-fatt gie michud l-ewwel aggravju.

Qal x'qal it-Tribunal, kemm b'konnessjoni ma' fatti li jirrizultaw mill-atti u ohrajn allegatament li ma jirrizultawx jibqa' l-fatt li jinkombi fuq l-appellanti li jippruvaw mhux biss informazzjoni zbaljata fid-deskrizzjoni tal-proprjeta izda li tali deskrizzjoni kellha incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess. Ma hemm ebda prova li fil-fatt l-Awtorita fehmet hazin l-iskop tal-progett u dak li kien hemm fuq is-sit. Dak li qed jistiednu lil Qorti taghmel l-appellanti hu li taghti interpretazzjoni tal-L.S. 552.15 differenti minn

dak li setghet tat l-Awtorita b'referenza ghall-uzu class 2A li fuqu hu msejjes il-progett u jekk il-kliem 'exisitng use' uzat fl-istess legislazzjoni sussidjarja kinitx b'xi mod tillimita l-uzu mitlub. Din mhux kwistjoni ta' zball ta' informazzjoni li tohrog mill- kelma 'retirement home' uzata fil-proposta izda ta' interpretazzjoni ghal fatti ezistenti, liema interpretazzjoni kellha issir waqt il-process quddiem l-Awtorita. Jekk l-appellanti ma hadux sehem, ma jistax issa jinqdew b'din il-procedura biex jaghmlu appell gdid mill-mertu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti Michael Struck u ohrajn, u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta' Dicembru 2023. Spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur